**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 655/2021**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***VS.***

***JRS LIMITED, ANTHONY BALDACCHINO, MARIA LICIA SIVE LICIA BALDACCHINO U JOSEPH ANTHONY BALDACCHINO***

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni finali dwar talba magħmula mill-HSBC Bank Malta plc biex titlu esekuttiv maħluq b'kuntratt pubbliku jiġi mtenni esegwibbli mill-ġdid;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fil-**5 ta' Lulju, 2021**, il-bank rikorrent fisser li l-konvenuti kienu fis-26 ta' April, 2016, iffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Maria Spiteri, fejn fih stqarrew li huma midjunin jew garanti mal-bank. Il-bank jisħaq li għalkemm saru xi ħlasijiet matul is-snin, xorta waħda baqa' ammonti li huma dovuti skont il-kuntratt;

3. Billi mid-data tal-kuntratt għaddew aktar minn ħames snin u l-konvenuti baqgħu ma ħallsux id-djun kollu tagħhom, il-bank rikorrent talab lill-qorti:

*«tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn għadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament x-xorta tad-dejn..... li jkun qiegħed ifittex l-esekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.»*

4. Il-konvenuti wieġbu fis-**<u>17 ta' Awwissu, 2021</u>** u qalu hekk:

*«1. Illi l-eċċipjenti m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' din il-proċedura billi saret inutilment, stante li t-terminu ta' ħames snin preskritt fl-artikolu 258 (ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għadu m'għaddhiex, la darba tali terminu kellu jibda jgħaddi biss minn meta l-kreditu tar-rikorrenti jsir eżiġibbli, liema eżiġibilità, skont l-att notarili tas-26 t'April, 2016, kellha sseħħ "on demand, a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for the Debtor and/or Sureties to implement their engagements forthwith", u billi allura m'għaddewx ħames snin minn dakinhar li saret tali talba bil-miktub;*

*2. Illi bla ħsara għall-premess, f'kull każ dan ir-rikors sar inutilment billi l-eċċipjenti qiegħdin iħallsu regolarment, u għalhekk m'hemm bżonn ta' ebda eżekuzzjoni jew atti eżekuttivi;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż kontra l-Bank rikorrent, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tagħha fi proċeduri ġudizzjarji.»*

5. Wara li l-partijiet ressqu l-provi tagħhom u l-istess partijiet għamlu t-trattazzjoni tagħhom fis-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2021, ir-rikors tħalla għad-deċiżjoni għal-lum;

***Fatti***

6. B'att magħmul min-Nutar Maria Spiteri fis-26 ta' April, 2016, il-kumpannija konvenuta JRS Limited iddikjarat li hija midjuna mal-bank rikorrent fis-somma ta' €127,794.45 (ara paġni 2 sa 3 tal-atti tal-kawża). Fl-istess att, il-konvenuti

Anthony Baldacchino, Maria Licia Baldacchino u Joseph Anthony Baldacchino rabtu lilhom infushom bħala garanti għad-dejn ta' JRS Limited;

7. Waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru, 2021, l-avukat Ralph Aġius Fernandez, rappreżentant tal-bank rikorrenti, ħalef li sal-1 ta' Novembru, 2021 kien baqa' dovut skont il-kuntratt tas-26 ta' April, 2016, is-somma ta' €81,520.23 bħala kapital u s-somma ta' €18,214.60 bħala mgħax (ara paġni 10 sa 11 tal-atti tal-kawża). Tul din ix-xiehda ġie preżentat rendikont tal-ħlasijiet li twettqu u tal-bilanċ li għad fadal (ara paġna 13 tal-atti tal-kawża);

8. Billi l-bank rikorrent irid jerġa' jgħajjex it-titlu esekuttiv imnissel mill-atti nutarili tas-26 ta' April 2016, huwa ddeċieda li jressaq dan ir-rikors;

***Konsiderazzjonijiet***

9. Din hija azzjoni mibdija mill-bank rikorrenti biex titlu esekuttiv imnissel minn att nutarili tas-26 ta' April, 2016 jerġa' jiġi mtenni esegwibbli mill-ġdid skont l-**artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

10. Skont il-liġi, kuntratt milqugħ minn nutar pubbliku dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, huwa meqjus bħala titlu esekuttiv skont l-**artikolu 253(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-esekuzzjoni ta' kuntratt bħal dan però ma jistax isir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju (ara **artikolu 256(2) tal-Kap 12**);

11. Kull titlu esekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-esekuzzjoni tiegħu (ara ***Eileen Busietta v. Adrian Busietta*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Marzu, 2014). Hekk pereżempju, fil-każ ta' kuntratt nutarili dwar dejn likwidu, ċert u li għalaq, it-terminu li fih dan jista' jiġi esegwit, wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi miġjuba bl-**Att IV tal-2016**, huwa ta' **<u>ħames snin minn meta dan it-titlu esekuttiv seta' jiġi esegwit</u>**. Qabel l-**Att IV tal-2016**, it-terminu kien ta' tliet snin;

12. Issa l-kwistjoni li l-konvenuti qajmu fl-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tagħhom jolqot il-punt dwar jekk it-talba tal-bank rikorrent saritx qabel ma għaddew dawn il-ħames snin jew le. Il-konvenuti jgħidu li dan it-terminu ta' ħames snin għadu m'għaddiex għaliex ma saritx talba mill-bank biex isir il-ħlas skont il-kuntratt;

13. Dwar din il-kwistjoni, il-qorti titlaq billi tgħid li l-liġi tgħid fl-**artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li ż-żmien ta' meta tista' titressaq talba għat-tiġdid tat-titlu esekuttiv għandu jiskatta minn meta jgħaddu ħames snin minn meta l-kuntratt seta' jiġi esegwit;

14. Ġie mgħallem fil-ġurisprudenza li ż-żmien ta' esekuzzjoni msemmi fil-liġi huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni (kif jgħidu ħażin il-konvenuti fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom) u li dan iż-żmien ta' ħames snin għandu jitqies li beda jitlaq mid-data tal-kuntratt nutarili u mhux wara l-jumejn li ssir in-notifika tal-att ġudizzjarju msemmija fl-**artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara f'dan is-sens is-sentenza mirquma ***Nobbli Mario Galea Testaferrata nomine v. Maria Borg*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu, 1993);

15. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***HSBC Bank Malta p.l.c. v. Charmaine Saliba*** tat-30 ta' Settembru, 2016) ir-raġuni għal din hija għaliex,

> *«Altrimenti t-terminu jisfa wieħed soġġettiv, dipendenti fuq ir-rieda tal-kreditur. Mentri huwa ritenut li l-validità ta' titolu eżekuttiv u t-terminu relattiv, għandu jkun wieħed oġġettiv indipendentement mir-rieda tal-kreditur.»*

16. Issa l-konvenuti qed jgħidu fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom li l-obbligazzjoni skont il-kuntratt kellha tiġi esegwita minn meta huma jirċievu «*on demand, a simple request in writing*»;

17. Illi skont il-liġi jista' jsir qbil bejn il-partijiet li l-obbligazzjoni titwettaq billi jingħata żmien (**artikolu 1070 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**) u għalkemm iż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, madankollu dan iż-żmien idewwem l-

esekuzzjoni tagħha (**artikolu 1071 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Mhux hekk biss, iżda l-liġi żżid tgħid ukoll li sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata ma tistax tintalab qabel jagħlaq dak iż-żmien **(artikolu 1072 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Dan huwa benefiċċju meqjus mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni (**artikolu 1073 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

18. Din il-qorti kienet tkun lesta li taqbel ma' din l-eċċezzjoni li kieku fil-kuntratt kien hemm programm ta' kif kellhom isiru l-ħlasijiet biex jinqata' d-dejn. Madankollu minn titwila tal-kuntratt ma jirriżultax li l-konvenuti ntrabtu li jaqtgħu d-dejn tagħhom bin-nifs. Ifisser għalhekk li l-qorti ma tistax tikkonkludi li fil-kuntratt tas-26 ta' April, 2016, il-konvenuti ngħataw xi forma ta' benefiċċju taż-żmien li skont il-liġi kienet idewwem l-esekuzzjoni;

19. Il-klawsola fil-kuntratt li titkellem dwar il-ħtieġa li trid tintbagħat ittra bil-miktub mill-bank ma tistax titqies fil-fehma tal-qorti bħala xi forma ta' ħolqien tal-benefiċċju taż-żmien li ddewwem l-esekuzzjoni skont l-**artikoli 1070 *et sequitur* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Kif tajjeb fisser l-avukat tal-bank rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tiegħu, fis-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2021, il-klawsola li għaliha qed jagħmlu riferenza l-konvenuti hija biss jedd tal-bank, li jekk dan ikun irid li jbiddel il-kundizzjonijiet dwar kif għandu jitħallas lura d-dejn, huwa jista' jagħmel dan billi jibgħat ittra bil-miktub lill-konvenuti;

20. Kif ġa ngħad fil-kuntratt tas-26 ta' April, 2016 ma kien hemm l-ebda qbil dwar xi benefiċċju ta' żmien mogħti lill-konvenuti. La dan hu hekk, is-somma indikata fil-kuntratt kienet esegwibbli dakinhar stess li ġie ffirmat il-kuntratt;

21. Il-fatt imbagħad li l-bank rikorrenti kien kuntent li f'dawn il-ħames snin jirċievi ħlasijiet akkont tad-dejn mingħand il-konvenuti mingħajr ebda skeda jew programm fiss, ukoll ma jbiddilx din il-fehma tal-qorti. Anzi jekk xejn, il-fatt li l-konvenuti kienu qegħdin iħallsu tul dawn is-snin kollha mingħajr programm fiss ta' ħlasijiet, juri li anke huma stess kienu qegħdin jemmnu li l-kreditu tal-bank, kif imnissel mill-kuntratt tas-26 ta' April, 2016, kien wieħed esegwibbli għaliex li

kieku ma kienx hekk, huma ma kienu jwettqu l-ebda ħlas u kienu joqgħodu jistennew lill-bank jibagħtilhom ittra bil-miktub biex iħallsu;

22. Din l-**ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuti għalhekk qiegħda tiġi miċħuda għaliex il-qorti waslet għall-fehma li l-bank ressaq dan ir-rikors fi żmien tajjeb skont l-**artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

23. Hekk ukoll ma tistax tintlaqa' t-**tieni eċċezzjoni** tal-konvenuti għaliex il-fatt li huma kienu qegħdin iħallsu xi ħaġa żgħira tal-flus fix-xahar ma jfissirx b'daqshekk li din il-proċedura saret bla bżonn. Kif għedna qabel, fil-kuntratt tas-26 ta' April, 2016 ma ġie miftiehem l-ebda benefiċċju ta' żmien u għalhekk jekk il-bank irid jiġbor l-ammont kollu f'daqqa bis-saħħa ta' mandati esekuttivi, huwa bilfors kellu jressaq din il-proċedura la laħqu għaddew ħames snin mid-data tal-kuntratt, li permezz tiegħu nħalaq it-titlu esekuttiv;

24. Issa dwar il-mertu tat-talba tal-bank rikorrenti, il-qorti tgħid li f'din l-għamla ta' proċedura, xogħol il-qorti mhuwiex biex toħloq kanonizzazzjoni ġdida ta' kreditu, iżda li terġa' tgħajjex titlu esekuttiv li jkun għadda żmien minn fuqu (ara ***Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021). Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Edgar Fava v. Gerald Rapinett et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar, 2021:

> *«l-indaġini li hi trid tagħmel f'każijiet ta' din ix-xorta huwa wieħed limitat. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* **Bank of Valletta plc v. Refco Co. Ltd et** *deċiża fit-12 ta' April, 2012:*
>
> *Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment m'huwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu esekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-esekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati.»*

25. Naturalment jekk il-konvenut jallega li huwa jkun ħallas id-dejn kollu jew f'parti minnu, allura l-qorti jkollha bilfors tidħol f'eżerċizzju ta' għarbiel biex tara jekk

tassew ikunx sar dan il-ħlas jew le (ara ***Bank of Valletta p.l.c. v. Carmelo Farrugia Melfar Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar, 2013). Huwa sewwasew għalhekk li huwa importanti ħafna, li anke jekk il-liġi ma tgħid xejn, il-konvenut xorta waħda għandu jiġi notifikat bir-rikors dwar talba għall-esekuzzjoni mill-ġdid ta' titlu esekuttiv, sabiex dan ikun jista' jwieġeb dwar jekk id-dejn għadux jeżisti jew le;

26. Meqjus dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, jirriżulta li l-avukat Ralph Aġius Fernandez, f'isem il-bank, saħaq bil-ġurament tiegħu quddiem il-qorti (ara paġni 10 u 11 tal-atti), li d-dejn ta' dan il-kuntratt għadu sallum baqa' ma tħallasx kollu min-naħa tal-konvenuti. Huwa ppreżenta wkoll rendikont bil-ħlasijiet kollha li saru mill-konvenuti matut iż-żmien (ara paġna 12 tal-atti);

27. Fl-atti ta' din il-proċedura ma nġiebet l-ebda prova li tmeri jew li titfa' dubbju dwar din l-istqarrija. Il-konvenuti jidhru wkoll li straħu għalkollox fuq din id-dikjarazzjoni tar-rappreżentanta tal-bank rikorrenti għaliex ma xehdux f'din il-kawża biex jgħidu mod ieħor;

28. F'ċirkostanzi bħal dawn għalhekk il-qorti ma ssib l-ebda raġuni tajba għaliex m'għandhiex tilqa' t-talba tal-bank rikorrenti biex terġa' tgħajjex l-esekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku tas-26 ta' April, 2016;

29. Il-qorti ttemm din id-deċiżjoni billi tgħid li l-pretensjoni tal-konvenuti li huma m'għandhomx iħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura ma hija mistħoqqa xejn. Anzi l-qorti ma tistax tifhem kif huma jistgħu qatt jippretendu li ma jħallsux l-ispejjeż ta' din il-proċedura, meta kien minħabba fihom li kellha ssir din il-proċedura, ladarba huma naqsu milli jħallsu d-dejn tagħhom mal-bank rikorrenti fi żmien ħames snin minn meta ffirmaw il-kuntratt tas-26 ta' April, 2016;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors tal-5 ta' Lulju, 2021 billi **tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u **tilqa'** t-talba tal-bank rikorrenti u tiddikjara li l-kuntratt pubbliku tas-26 ta' April, 2016, fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri, bħala esegwibbli mill-ġdid u dan safejn jolqot il-bilanċ li baqa' ma' tħallasx mill-konvenuti;

**Tordna** wkoll li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**